MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2013

Rikors Kongunt Numru. 486/2013

**AB**

**-vs-**

**CBD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors kongunt illi gie ikkonfermat bil-gurament miz-zewg rikorrenti li *in forza* tieghu, wara li ppremettew :

Illi l-partijiet izzewgu fil-5 ta' Settembru 1997 skond l-anness certifikat taz-zwieg immarkat bhala Dokument A, u minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal, E, li twieldet fit-2 ta' Marzu 1999, u J, li twieldet fit-23 ta' Novembru 2000;

Illi l-partijiet ilhom legalment separati b'kuntratt redatt minn Nutar Dottor Elena Farrugia datat 23 ta' Settembru 2010, kopja ta' dan il-kuntratt qeghda tigi hawn annessa u

mmarkata bhala Dokument B, u ilhom separati de facto ghal oltre erba' snin, kif ser jigi ippruvat waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors;

Illi ma jezisti ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet, stante li minbarra t-trapass taz-zmien min meta l-partijiet ilhom separati, illum il-gurnata huma ghandhom hajja totalment separata u distinta minn xulxin;

Illi rigward manteniment fil-konfront tat-tfal, il-partijiet dejjem ikkontribwew ghall-htigijiet ta' l-istess minuri;

Illi dawn il-fatti hawn fuq citati jissodisfaw il-kundizzjonijiet mehtiega ghal otteniment tad-divorzju ai termini ta' l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talbu in vista tal-premess lil din il-Qorti sabiex :

1. Tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bl-eventwali divorzju, u dan sabiex jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-23 ta' Ottubru, 2013;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvaw illi ilhom legalment separati mit-23 ta' Settembru 2010 u illi ilhom de facto separati ghal aktar minn erba' snin;

Illi ir-rikorrenti ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejniethom u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------